MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Numru 170/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**Vs**

Neil Nicholas Tabone

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat Neil Nicolas Tabone ta' karta ta' identita' numru 130289(M), akkuzat talli:

Fil-lejl ta' bejn is-27 ta' Frar 2004 u t-28 ta' Frar 2004 u cioe' ghall-habta ta' 1:15 a.m. tat-28 ta' Frar 2004 ittanta li jikkommetti serq ta' vettura tal-ghamla Land Rover Mudell 90 b'numru tar-registrazzjoni LAF589 minn Triq Mikiel Anton Vassalli San Giljan a detriment ta' Stephen Gingel minn tas-Sliema liema serq ma sehhx minhabba xi haga

accidentali indipendenti mill-volonta’ tal-imputat u dan ai terminu tal-Artikolu 41(a), liema attentat ta’ serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ai terminu tal-Artikolu 261, 263, 270, 271(g), 279(a)(b) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess lok, data, hin u circostanzi hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ parti minn Land Rover b’numru ta’ registrazzjoni LAF589 ghad-dannu ta’ Stephen Gingell minn tas-Sliema liema hsara teccedi Lm10 Maltin izda ma teccedix il-Lm50 Maltin u dan ai terminu tal-Artikolu 325(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi bil-hsieb li jikkommetti reat ezercita dritt li jippretendi li ghandu minghajr il-kunsens tas-sid tal-vettura LAH589 a detriment ta’ Stephen Gingell minn Tas-Sliema u dan ai terminu tal-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi bi hsara tas-sid jew tad-detentur ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta ta’ Stephen Gingell minn tas-Sliema 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni li fiha nsista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jittrattaw:

- l-attentat ta’ serq
- l-hsara volontarja
- r-raggon fattasi
- l-offiza kontravenzjonali ta’ vjolazzjoni ta’ proprjeta’.

L-ammissjoni tal-imputat hi wahda volontarja u nkondizjonata izda hu wisq car fil-fehma ta’ din il-Qorti li ma tistax tapplika fuq it-tielet akkuza minhabba l-ewwel

akkuza u lanqas fir-rigward ir-raba akkuza li hi assorbita wkoll fl-ewwel akkuza.

Tiddisponi, ghalhekk, wara li rat l-Artikolu 261, 263, 270, 271(g), 279(a)(b), 281, 41, 325, 17 u 31 tal-Kap 9 li tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat ghall-perjodu ta' sena mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tenut kont li l-imputat hallas ghall-hsara li kkaguna, l-istqarrija minnu rilaxxjata u l-fedina penali tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------